MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 23 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1781/2001/1

**Nathalie Stafrace**

**Vs**

**Andrew u Lorraine Mckenna f'isimhom proprju kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza ta' SCL Real Estate Company Limited u b' digriet tal- 11 ta' Marzu 2002 il-kliem "SCL Real Estate Company Limited" gew mibdula bil-kliem "Stoneleigh Company Limited"**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fiha l-attrici tablet il-hlas ta' Lm385 rappresentanti valur ta' senserija u servizzi ohra resi lill-konvenuti in konnessjoni mal-bejgh u trasferiment ta' fond.

Ra r-risposta tal-konvenuti fis-sens li Andrew u Lorraine konjugi Mckenna m'ghandhom ebda interess guridiku f'din il-kawza u m'humiex il-legittimi kontradditturi u li bla

pregudizzju ghal suespost, it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra li l-attrici irrinunzjat ghal azzjoni fil-konfront ta' Andrew u Lorraine McKenna f'isimhom personal.

Sema x-xhieda.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra li l-attrici qalet li kienet involuta fil-bejgh ta' fond f'Birkirkara. Hi kellha ftehim mas-societa konvenuta li tiehu 1% minn kull propieta li tintroduci lil kumpanija. L-attirici esebiet ftehim immarkat bhala Dok NS. L-attrici ikkonfermat li l-post inbiegh ghal Lm38500.

Illi fix-xhieda tieghu Andrew McKenna qal li kien hallas Lm150 "cash" lil attrici in konnessjoni ma' dan il-bejgh. Ix-xhud qal li kien hallas "cash" ghaliex kellu problemi finanzjarji u ghalhekk hallas cash bhala part payment.

Ix-xhud qal li kien qed ifittex rcevuta ghal dan l-ammont ta' Lm150.

L-attrici cahdet li qatt irceviet Lm150 cash in konnessjoni mal biegh tal-fond b'Birkirkara.

Illi jirrisulta li meta xehed Andrew Mckenna dan ma cahadx li l-ammont ta' Lm385 kien dovut u qal li kien hallas Lm150 akkont.

Illi ghalhekk kienet is-societa konvenuta li kellha tipprova l-hlas.

Illi Andrew Mckenna qal li kien qed jipprova isib rcevuta.

Illi jekk verament kien hemm hlas akkont s-societa konvenuta kienet issemmi l-istess hlas fir-risposta.

Billi s-societa konvenuta naqset li tipprova l-hlas u ma ikkontestatx li l-ammont ta' Lm385 kienet dovuta t-Tribunal jichad l-eccezzjoni tas-societa konvenuta u jilqa t-

talba attrici bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz u cioe 10 ta’ Jannar 2002.

**Philip Manduca LLD.**
**Gudikant**